# INFORMATION SHEET

Azzjoni Kattolika Matija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 – 21237031
Website www.akmalta.og
E-mail infosheet@akmaltorg

**NOVEMBRU 2009** **NUMRU 248**

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu!

## MADWARNA

**President Ġenerali u Presidenti tal-Friegħi Ġodda-** Fl-Assemblea Ġenerali tal-11 t'Ottubru s-Sinjorina Joyce Pullicino ħabbret li kienet temmet il-kariga tagħha ta' President Ġenerali u introduciet lis-Sinjura Carmen Agius bħala President Ġenerali l-ġdida tal-Azzjoni Kattolika Maltija. Fl-istess waqt ukoll inħatru erbgħa Presidenti Ċentrali tal-Frieġħi ġodda li huma: Is-Sur Frank Soler - Fergħa Rġiel; Is-Sinjura M'Grace Mercieca - Fergħa Nisa; Is-Sinjorina Lina Debono - Fergħa Xebbiet Adulti u S-Sinjorina Sarah Caruana - Fergħa ŻAK. Is-Sinjorina Marvic Debono issa hija Viċi-President Ġenerali u s-Sinjura Miriam Teuma issa hija Konsulent. Il-membri tad-Direttorju Ġenerali l-oħra ġeddew il-kariga tagħhom għat-tlett snin li ġejjin.

**Ringrazzjament-** Nirringrazzjaw lis-Sinjorina Joyce Pullicino għal ħidma siewja u dak kollu li wettqet matul dawn is-snin. Nirringrazzjaw ukoll lis-Sur Carmel Portelli u lis-Sinjorina Agnes Cuschieri li temmew il-kariga tagħhom bħala President tal-Irġiel u Xebbiet Adulti rispettivament.

**Tiġdid tal-Wegħda tal-Impenn u Elezzjonijiet fiċ-Ċirkoli-** Numru sabiħ ta' Ċirkoli ġa għandhom id-data ta' meta se jagħmlu t-Tiġdid tal-Wegħda tal-Impenn (Tesserament) tal-membri taċ-Ċirkolu, xi wħud ġa għamluh ukoll. Nixtieq infakkar li l-ewwel isir t-Tiġdid tal-Wegħda tal-Impenn u wara ssir l-Elezzjoni tal-Kumitat responsabbli mit-tmexxija fiċ-ċirkolu. Dawk li għadhom ma ħasbux għad-dati nħeġġiġhom biex jieħdu ħsieb.

**Promozzjoni ŻAK-** Nifraħ lil gruppi kollha taż-ŻAK li għal-ħmistax il-ġurnata kontinwa mis-Sibt 26 ta' Settembru sas-Sibt 10 t'Ottubru ħadu ħsieb jagħmlu promozzjoni fil-parroċċi rispettivi tagħhom biex iħajjru aktar żgħażagħ jingħaqdu magħhom. Jiena ċerta li din il-ħidma li saret b'tant entużjażmu u ħeġġa se tħalli l-frott mixtieq. Żommu ruħkom aġġornati bl-attivitajiet u inizzjattivi kontinwi li twettaq iż-ŻAK billi żżuru l-website, ta' livell għoli, fuq http://www.zakmalta.org. Prosit tassew!

**Assemblea Fergħa Nisa-** Nifraħ lil President il-ġdida tal-Fergħa Nisa u l-Kunsill il-ġdid flimkien maċ-Ċirkolu tal-Furjana għall-organizzazzjoni mill-aqwa tal-Assemblea Fergħa Nisa. Il-mod mill-aktar kreattiv ta' kif ġie ppreżentat il-motto ta' din is-sena 'F'Riġlejn Ġesù Msallab' wassal il-messaġġ mixtieq. Inħeġġeġ lill-membri biex ma jitilfux attivitajiet bħal dawn u jattendu numerużi.

**Laqgħa Marjana -** Dun Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza, iċċelebra l-quddiesa għall-morda u persuni b'diżabilità organizzata, b'tant dedikazzjoni u ġenerożità, milll-Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità. Fil-kelmtejn tiegħu waqt l-omelija Fr. Martin tkellem fuq il-bżonn li fis-Soċjetà fil-Knisja ma jkunx hemm aktar preġudizzju lejn kategoriji ta' nies li huma meqjusa bħala differenti; minn fosthom persuni morda u b'diżabilità. Saħaq fuq l-importanza li dawn il-persuni jkunu inklużi fis-Soċjetà u l-Knisja u jrid ikun Ġesù, bit-tagħlim tiegħu li nsibu fl-Evanġelju, li jgħallimna nbiddlu l-atteġġament tagħna lejn dawn il-persuni.

**Carmen Agius, President Ġenerali**

## STRUTTURA TAD-DIRETTORJU ĠENERALI

| | |
|---|---|
| President Ġenerali | Carmen Agius |
| Viċi President Ġenerali | Manwel Saliba (Pres A.K. Għawdex) |
| Viċi President Ġenerali | Marvic Debono |
| Segretarju Ġenerali | Adrian Leone Ganado |
| Amministratur Ġenerali | Natalie Farrugia |
| P.R.O. | Martin Chetcuti |
| President Fergħa Rġiel | Frank Soler |
| President Fergħa Nisa | M'Grace Mercieca |
| President Xebbiet Adulti | Lina Debono |
| President ŻAK | Sarah Caruana |
| President Gruppi Koppji Miżżewġin | Anthony & Maryanne Sultana |
| Ko-ordinatur Kumm. Ħidma Morda | Lolly Debono |
| Ko-ordinatur S.A.S. | Dennis Buttigieg |
| Konsulent tad-Direttorju Ġenerali | Dr. Guido Pace Spadaro |
| Konsulent tad-Direttorju Ġenerali | Miriam Teuma |

## Adorazzjoni Għall-Vokazzjonijiet

Fis-Seminarju tal-Virtù, Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-17:30 u s-18:30. L-iskop huwa li nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat.

Għal iżjed informazzjoni ċemplu lil Mrs C. Agius Delicata fuq tel:-21238851. Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.



## Attivitajiet għax-xahar ta' Novembru 2009

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd 1 | Kumm. Ħidma Morda | Quddiesa għall-Benefatturi |
| Il-Ħamis 5 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| It-Tnejn 9 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 11 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| Is-Sibt 14 | Direttorju u Kunsilli | Ċenaklu, Kappella San Mattew (tal-Maqluba), Qrendi 18:00 |
| Il-Ħadd 15 | Fergħa Xebbiet | High Tea – Dettalji aktar 'quddiem f'ċirkulari |
| It-Tnejn 16 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-18:00 |
| L-Erbgħa 18 | Fergħa Nisa | Laqgħa ta' Talb – Romol |
| Il-Ħamis 19 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha, Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana |
| | Fergħa Xebbiet | Laqgħa ta' formazzjoni għal membri kollha fis-18:00. |
| It-Tnejn 23 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 25 | Fergħa Nisa | Forum Day - Ċirkoli kollha fl-10:00 fil-Knisja ta' San Franġisk, Triq Villambrosa, Hamrun |
| Is-Sibt 28 | Direttorju u Kunsilli | Ċenaklu |
| IL-Ħadd 29 | Fergħa Rġiel | Irtir – Knisja tal-Vitorja, l-Belt mid-9:00 sa 11:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Irtir – Seminarju tal-Virtù, Rabat |
| | Gruppi Koppji Miżżewġin | Stedina – Ċinema Forum fis-sala tal-Immakulata Kunċizzjoni, Ħamrun, fl-16:30. **Ma jkunx hemm Quddiesa** – Wara jkun hemm te, kafe u refreshments. Għal booking ċemplu lil: Emmanuel u Irene Dye fuq numru 21221341 jew Anthony u M'Anne Sultana fuq 21665706. |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

### Ħarġiet bil-Minibuses SAS

Nieħdu pjaċir ninnutaw li bix-xiri tal-Minibus il-ġdida kien hawn Parroċċi ġodda li bdew jużaw dan is-servizz. Inħossu però li hawn aktar parroċċi li jistgħu jużaw dan is-servizz. Dan hu servizz lill-anzjani l-aktar batuti jew persuni bi ħtiġijiet speċjali.
Nappellaw lill-membri tal-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċi jaraw min huma l-anzjani li xi ftit jew wisq qatt ma joħorġu minħabba l-kundizzjoni tagħhom u jorganizzaw ħarġa billi jibbukkjaw fuq Tel No 21226920.
Ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess biex jiġi iffissat nofs ta' nhar jew ġurnata. Tistgħu tikkomunikaw ukoll mas Sur Theuma fuq Mob no 99452768. F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS : 21220286 u agħmlu l-booking tagħkom.

## Fergħa Xebbiet Adulti

Dan ix-xahar niftakru fl-erwieħ tal-Membri mejtin u tal-Assistenti Ekkleżjastiċi.

--------------------------

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità, u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fis-19:15.

Id-Dati għax-xahar ta' Novembru huma 1, 8, 15, 22 u 29.



**TINSIEX IĠĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

# FIL–ĦUĠĠIEĠA GĦAS-SENA 2010

**FIL-'BOOKSHOP' TAL-AZZJONI KATTOLIKA – FLORIANA SA L-AĦĦAR TA' NOVEMBRU 2009**

**ABBONAMENT BIL-POSTA JISWA € 6.00.**

**MILL-'BOOKSHOP' € 5.50C.**

MINN JABBONA GHAL HUĠĠIEĠA BIL-POSTA HU ĠENTILMENT MITLUB JAGĦTINA L-KODIĊI POSTALI.

---

Għeżież Membri,

Għaddiet kważi sena oħra u reġa' wasal iż-żmien biex isiru l-abbonamenti għall-Huġġieġa 2010. Bħal ma tafu l-ispejjeż dejjem qegħdin jiżdiedu u għalhekk għandna bżonn il-kollaborazzjoni tagħkom – kull għajnuna hija apprezzata u ta' dan nirringrazzjawkom bil-quddiem. Minflok ngħollu l-prezz tal-Ħuġġieġa ejjew inħajru aktar membri fiċ-ċirkoli tagħna biex jabbonaw fil-Ħuġġieġa. Il-prezz huwa ta' € 6.00 abbonament bil-posta, u € 5.50 abbonament mill-bookshop. Żgur li hemm aktar membri fl-Azzjoni Kattolika milli hemm abbonati. Tajjeb li l-membri jaqraw fuq il-ħidma tal-Azzjoni Kattolika u aktar u aktar jaqraw fuq il-kelma ta' Alla. Barraminhekk bħal ma tafu fil-Ħuġġieġa hemm biss żewġ riklami u mis-sena d-dieħla se nispiċċaw b'riklam wieħed biss. Il-flus ta' dawn ir-riklami kienu jgħinuna biex intaffu xi ftit mill-ispejjeż, għalhekk min jista' jgħin biex insibu xi riklami ġodda jista' jikkuntattja lis-Segreterija fil-ħinijiet ta' l-uffċċju.

Grazzi tal-għajnuna
Natalie Farrugia
Amministratur Ġenerali

---

Imla l-formula u ibagħatha sa l-aħħar ta' Novembru 2009 flimkien mal-ħlas lil:

Azzjoni Kattolika Maltija – Librerija Azzjoni Kattolika – Istitut Katttoliku – Floriana – FRN 1441

Qiegħed/a nibgħat l-ammont ta' € ……….ħlas tal-abbonament fil-Ħuġġieġa għas-sena …………..

Isem u Kunjom ………………………………………………..

Indirizz ……………………………………………………………………………………… Kodiċi Postali Ġdid ………..

Email ………………………………………………. Tel/Mobile No ………………..…………

Qiegħed/a nibgħat l-ammont ta' € ………..għax nixtieq nagħti l-abbonament bħala rigal lil:

Isem u Kunjom ……………………………………………….. Email …………………………………….

Indirizz ………………………………………………………………..…………………… Kodici Postali Ġdid ………..…

# Kummissjoni Fund-Raising

Ikla/Buffet ta' San Martin
Nhar il-Ħadd 29 ta' Novembru 2009 minn 12:30 għas-13:00
fil-CANIFOR HOTEL, Triq in-Nakkri, Qawra

Wara l-waqfa tas-Sajf l-Azzjoni Kattolika tat bidu għal sena oħra ta' ħidma – hekk ukoll il-Kummissjoni Fundraising se tagħti bidu hi ukoll għall-attivitajiet tagħha b'ikla Buffet ta' San Martin nhar il-Ħadd 29 ta' Novembru 2009 fil-Canifor Hotel, Qawra.

## MENU

Antipasto

~ ~ ~

Lasagna Al Forno

Pasta Carbonara

~ ~ ~

Chicken Soup

Vegetable Soup

~ ~ ~

Roast Pork with Apple Sauce (Carvery)

~ ~ ~

Roast Beef with Horseradish Sauce (Carvery)

~ ~ ~

Roast Turkey with Cranberry Sauce (Carvery)

~ ~ ~

Poached Cerna Bon Assisi

~ ~ ~

Baby Carrots
Garden Peas

Roast Potatoes
Natural Potatoes

Black Forest Gateau
Or
Vanilla Gateau

~ ~ ~

Coffee

~ ~ ~

One Glass of Wine or One Glass of Soft Drink

Bħas soltu l-kitba ssir fis-Segreterija tal-A.K.M. fl-Istitut Kattoliku, Floriana, sal-Ħamis 26 ta' Novembru 2009 – Tel 21222239. IMPORTANTI wkoll li tgħidulna fuq liema mejda tixtiequ toqgħodu għal ikel. Min ikollu bżonn trasport iċempel lil Mrs Marie Bartolo – Tel 21221931.
Prezz : Kbar € 15.00 - Tfal € 7.00



## BILJETTI REBBIEĦA
## WAQT IL-LOTTERIJA TA' L-ASSEMBLEA

1 Premju – Isfar – 14
2 Premju - Isfar – 71
3 Premju – Aħdar – 141
4 Premju – Ċelesti – 186
5 Premju – Isfar – 145
6 Premju – Isfar – 33
7 Premju – Ċelesti - 13
8 Premju – Isfar 131
9 Premju – Ahdar 177

Il-premjijiet jingħabru mis-Segreterija waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

---------------------------------------------------------



**IL-MILIED DALWAQT MAGĦNA.**

**GĦIN LIL AZZJONI KATTOLIKA BILLI TIXTRI IL-KARTOLINI TAL-MILIED TIEGĦEK MILL-BOOKSHOP IL-FLORIANA**




**Għandek it-tfal jew n-neputijiet u tixtieq tagħtihom rigal b'differenza. Dawn it-tlett kotba li fihom hemm żewġ c'ds bil-kanużetti mill-Bibbja għal-prezz ta' € 20.00 kull wieħed huma r-rigal ideali għal dan il-Milied jew għal xi okkażjoni. Ma' kull ktieb li jinxtara jingħata rigal. Għalhekk biex ma toħorġux diżappuntati ordnaw l-kopja tagħkom sat-12 ta' Novembru mill-bookshop tal-Azzjoni Kattolika l-Floriana. Għal aktar dettalji tistgħu ċċemplu fuq 21237031.**










# *Festa Ta' Kristu Re - Il-Hadd 22 ta' Novembru 2009*

**Manifestazzjoni Djoċesana**

Inħeġġukom biex ilkoll nattendu l-Festa ta' Kristu Re

DATA : - Nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru 2009

FEJN :- Quddiem il-Knisja Parrokkjali tas-Swatar

ĦIN :- bejn l-16:30 u s-18:15

# LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA

***Trid tagħti rigal b'differenza?***
***post wieħed għandek tmur***
***fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –***
***Istitut Kattoliku - Floriana***



***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***

***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ: Lulju: Matul il-gimgha - 9:00 sa nofsinhar***
***16:00 sas-19:30***
***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***



Nixtiequ infakkrukom fis-servizz tal-BINDING li għandna fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika. Il-prezz huwa ta' EUR 1 kull 12 il-paġna. Għalhekk importanti li l-membri kollha jmexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz.
Għax kif jgħidu kull qatra tgħodd!!!!



**AVVIŻ IMPORTANTI GĦALL-GĦALLIEMA**
**MEMBRI TAL-AZZJONI KATTOLIKA**

Ġie iffurmat grupp ta' għalliema kattoliċi li jirrapreżentaw uħud mill-għaqdiet differenti fil-FORUM tal-għaqdiet.

Biex tissaħħaħ il-ħidma tagħna qed jissawwar database bl-indirizzi e-mail tal-għalliema membri fl-għaqdiet kattoliċi.

l-iskop hu li jinbena network ta' għalliema kattoliċi fl-iskejjel. Aħna nibagħtu nformazzjoni lilek, li jekk tkun tixtieq tista' tgħaddiha lil sħabek għalliema fl-iskola.

Jekk tixtieq tibda tirċievi din l-informazzjoni għaddilna l-indirizz elettroniku (e-mail address) tiegħek flimkien ma' xi informazzjoni oħra biex jgħinna nkunu aġġornati.

L-informazzjoni li nixtiequ huwa:

i. Isem u Kunjom;
ii. Skola fejn taħdem;
iii. L- indirizz elettroniku tiegħek;
iv. Xi informazzjoni oħra / kummenti li tixtieq taqsam magħna.

Din l-informazzjoni ser tinżamm minna u tintuża għal dan l-iskop biss, u mhux ser ngħadduha lil xi ħadd ieħor.

L-informazzjoni tista' tintbagħat fuq jamp@maltanet.net jew b'SMS fuq 99222607.

Naf li jkollok ħafna x'tagħmel iżda l-attenzjoni u r-risposta tiegħek tkun ta' għajnuna kbira għalina. Bħaż-żerriegħa tal-mustarda, il-ftit li nagħmlu jista' jsarraf f'ħafna ġid għalina u għall-edukaturi u t-tfal ma' min ikollna kuntatt.

Jekk taf lil xi ħaddieħor li jixtieq ikun f'kuntatt magħna jista' jibgħatilna l-informazzjoni tiegħu bl-istess mod.

Il-Paċi tal-Mulej miegħek,

James Portelli

Moviment Għalliema